**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI ISTRUTTORJA**

**(Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjħa l-Qorti Rimandanti)**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Galea)**
**-vs-**
**John SPITERI**

Illum, 24 t' Awissu, 2022

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil **John SPITERI ta' nazzjonalità Maltija, imwieled l-Mtarfa nhar l-14 ta' Frar, 1966, iben Vincent Spiteri u Bernardine nee` Farrugia, residenti 1, Aurora, Triq l-Aragoniżi, Qrendi, u detentur tal-karta tal-identità Malta numru 0084566M,** aktar il-quddiem imsejjaħ 'l-estradant';

Wara li rat is-*Schengen Information System Alert* datat il-15 ta' Diċembru, 2021,[1] maħruġ fuq talba tat-***Tribunale di Catania, Sezione del Giudice per le Indagini Preliminari,*** l-Italja, pajjiż skedat a tenur tar-regolament 5 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (aktar il-quddiem imsejjaħ 'l-Ordni'), Liġi Sussidjarja 276.05;

Wara li rat il-Mandat t'Arrest Ewropew (MAE) datat il-11 ta' Diċembru, 2021, maħruġ mill-istess awtorità;[2]

Wara li rat iċ-Ċertifikat maħruġ mill-Avukat Ġenerali a tenur tar-regolamenti 6A u 7 tal-Ordni maħruġ fid-9 ta' Ġunju, 2022;[3]

---

[1] **Dok.MG2** a fol.11-12
[2] **Dok.MG 3** a fol. 13-20
[3] **Dok.MG 1** a fol. 21-29

Wara li rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija nhar it-2 ta' Awissu, 2022;[4]

Wara li semgħet il-partijiet jeżentaw lil din il-Qorti mis-smigħ mill-ġdid tax-xhieda ġa mismugħa w mill-ġbir mill-ġdid ta' dokumenti miġbura w esibiti;[5]

Wara li rat il-verbal tagħha tal-5 t'Awissu, 2022;

Wara li rat li ġew osservati r-regolamenti 10 u 11 tal-Ordni;

Wara li semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet u ħadet konjizzjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet finali tad-difiża preżentata nhar il-11 ta' Awissu, 2022;

**Preliminari**

Ikkunsidrat,

Illi b'nota preżentata seduta stante fis-seduta tal-5 t'Awissu, 2022, il-prosekuzzjoni esibit dokumentazzjoni mibgħuta tramite Eurojust li minnha jirrizulta li fil-konfront tal-estradant inħarġet l'hekk imsejjħa ***Richiesta Di Rinvio a Giudizio*** (l-Att t'Akkuża jew *Bill of Indictment*) datat l-4 t'Awissu, 2022. Dan l-att seta' jinħareġ biss wara li l-estradant ġie notifikat formalment[6] bi tmiem tal-investigazzjoni preliminari kondotta fil-konfront tiegħu,[7], kif tixhed id-dokumentazzjoni mibgħuta mill-Prosekutur Pubbliku Dr. Fabio Regolo datata l-5 ta' Lulju, 2022.[8]

Għalkemm korettament dan il-punt ma tqajjimx mill-abbli difiża, tajjeb jiġi sottolinejat li dak li jesiġi l-MAE mhux li persuna tkun ġiet *charged* - kif erronjament ta' spiss jiġi rilevat partikularment fi proċeduri fejn l-estradizzjoni hi mitlub mill-Italja b'mod partikolari - iżda li l-estradant hu mfittex fil-pajjiż skedat għall-finijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali ai termini tar-regolament 5(4) tal-Ordni.

Għal kull buon fini jiġi rimarkat li tali sottomissjoni hi waħda pwerili, purament konsiderazzjoni fabbrikata li ma ssib l-ebda komfort mad-Deċiżjoni Kwadru[9] u

---

[4] Fol.333-354
[5] Verbal 5 t'Awissu, 2022
[6] **Dok.AG4** a fol.302-303
[7] **Dok.AG3** datat is-7 ta' Jannar, 2022
[8] **Dok.AG2** a fol.296
[9] Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju, 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn Stati Membri magħmul f 'Lussemburgu fit-13 ta' Ġunju, 2002,

lanqas fil-liġi Maltija fejn fir-regolament 5 li jittramanda l-artikolu 1.1 tad-Deċiżjoni Kwadru[10] hemm stipulat:

> (3) Mandat ta' arrest rilevanti għall-prosekuzzjoni hu mandat maħruġ minn awtorità ġudizzjarja ta' pajjiż skedat u li jkun fih –
>
> (*a*) id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (4), u
> (*b*) l-informazzjoni msemmija fis-subartikolu (5).
>
> (4) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (3)(*a*) hi waħda li l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat hija mfittxija fil-pajjiż skedat għall-finijiet tat-**tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali** għall-għemil ta' reat imsemmi fil-mandat.

Isegwi li l-leġislatur u wisq anqas id-Deċizjoni Kwadru qatt ma esiġew li bħala rekwiżit addizzjonali din l-estradant ikun formalment akkużatat jew *charged*. *Multo magis* għalhekk l-MAE preżenti hu wieħed bi pjena konformita mad-dettami tal-liġi Maltija tenut kont li issa hemm ukoll esibita l-prova tar-***Rinvio a Giudizio,*** l-istadju aħħari ta' proċeduri intiżi għat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali fl-Italja.

Id-Deċiżjoni Kwadru w konsegwentement l-Ordni jesiġu biss li l-MAE jirrigwarda persuna hi mfittxija għall-finijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali, liema proċeduri ivarjaw minn Stat għal Stat u fejn għalhekk, kif titmexxa dik il-prosekuzzjoni w l-istadji li jikkomponuha, ma għandu qatt jiġi sindikat minn qorti barranija w cioe mill-Qorti Rimandanti.

Fis-sentenza ferm erudita tal-Qorti tal-Appell Kriminali riċentement enunċjata, ġie eżaminat il-prinċipju tal-hekk msejjaħ *mutual recognition* u kif dan il-prinċipju jaffettwa deċiżjoni li għandhom jittieħdu minn Qorti Rimandanti u b'liema mod għandhom jittieħdu:[11]

> 19. L-eżekuzzjoni tal-Mandati tal-Arrest Ewropej u l-Allerti huma bażati fuq fiduċja reċiproka li għandu jkun hemm bejn l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Ewropej liema proċedura tibqa' soġġetta għall-osservanza tar-regoli bażiċi tad-Dritt. Peress li l-Ordni ftit li xejn jitratta l-istrument speċifiku tal-Allert, biex il-Qorti tkun tista' tagħrbel il-meritu tal-preġudizzjali sollevata huwa meħtieġ li tistħarreġ ukoll ir-regolamentazzjoni komunitarja dwaru.....

---

adottat konformement mat-Titolu VI tat-Trattat, li għandu l-pattijiet tiegħu stipulati fl-arranġament relattiv u pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern li ġġib id-data tal-1 ta' Ġunju, 2004, kif emendat bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta Frar, 2009;

[10] 8 OJ C 364, 18.12.2000, p. 1.

1.1.The European arrest warrant is a judicial decision issued by a Member State with a view to the arrest and surrender by another Member State of a requested person, **for the purposes of conducting a criminal prosecution** or executing a custodial sentence or detention order.

[11] **Il-Pulizija vs. Tencho Gospodinov TENEV.** Per Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja; Deċiża 28 ta' Lulju 2022

77. Kif intqal qabel dawn il-proċeduri huma msejsa fuq il-Liġi speċjali li tirregola l-Mandati t'Arrest Ewropew, li hija Liġi li f'ċerti versi hija drakonjana u titbiegħed mill-prinċipji tradizzjonali tal-estradizzjonijiet. Din hi proċedura ta' ċediment ta' persuni bejn awtoritajiet ġudizzjarji tal-istati membri tal-Unjoni Ewropea li hija ben diversa minn dik il-proċedura ta' estradizzjoni eżistenti bejn Stati li ma jifformawx parti minn din l-Unjoni. Il-qofol ta' din il-proċedura hija l-fiduċja reċiproka li l-Awtoritajiet Ġudizzjarji tal-Unjoni Ewropea għandhom fl-operat reċiproku tagħhom li huwa msaħħaħ mhux biss bit-Trattati tal-Unjoni u l-Karta tal-Jeddijiet Fundamentali iżda wkoll bil-prinċipji tar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji. Dawn id-deċiżjonijiet, inkluż il-ħruġ tal-Mandati t'Arrest Ewropew isiru minn Awtoritajiet Ġudizzjarji u l-preżunzjoni hi li jinħarġu b'mod responsabbli u in buona fede, salv provi sodi kuntrarji. B'hekk dak li jkun dikjarat f'Mandat t'Arrest Ewropew maħruġ minn Prosekutur Pubbliku fi ħdan Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandu jittieħed bis-serjeta dovuta, u preżunt li jkun maħruġ in buona fede f'dan l-ispirtu ta' koperazzjoni ġudizzjarja b'saħħitha bażata fuq fiduċja u rispett reċiproku. ……

78. ……Din il-Qorti trid tistrieħ fuq dak miktub mill-Prosekutur Pubbliku Bulgaru fil-Mandat tal-Arrest Ewropew li kif spjegat iżjed il-fuq skont l-Ordni jassumi l-valur ta' prova, nonche fid-dokumenti eżebiti fl-atti li siltiet minnhom ġew tradotti. ..... [sottolinejar ta' din il-Qorti]

In kwantu għat-talba tal-estradat biex jittella jixhed l-avukat difensur tiegħu fl-Italja, il-Qorti filwaqt li terġa tagħmel riferenza għal verbal tagħha tal-5 ta' Awissu, 2022, tirreferi wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omissis:**[12]

9. Il-proċeduri t'estradizzjoni għalhekk huma msejsa fuq l-Att dwar l-Estradizzjoni, il-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta (aktar l-isfel imsejjaħ bħala l-"Att") u r-regolamenti maħruġa taħtu. Fosthom hemm l-Avviż Legali 320 tal-2004, ossija Liġi Sussidjarja 276.05 (aktar l-isfel imsejjaħ bħala l-"Ordni")li fuqhom huma msejsa il-proċeduri odjerni. Dawn huma proċeduri partikolari ħafna, sa ċertu punt "sui generis", bażati fuq id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju, 2002 …….. intiżi sabiex jitħaffef il-proċediment ta' treġġigħ ta' persuni li jkunu fit-territorju tal-Unjoni Ewropeja u li jkunu allegatament ikkommettew reati kriminali f'xi pajjiż rikjedent jew f'territorju ieħor li għalih jistgħu jirreferu dawn ir-regolament kif ukoll, f'ċerti ċirkustanzi, f'kuntest t'estraterritorjalita.

10. Dawn il-proċeduri huma soġġetti għall-prinċipju bażiku imsemmi fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru li jippreskrivi l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku t'atti ġudizzjarji u l-fiduċja reċiproka li Awtoritajiet Ġudizzjarji għandhom ikollhom fi ħdan din l-Unjoni. Wieħed jifhem li dawn huma prinċipji relattivament riċenti li ddaħlu fl-ordinament ġuridiku Malti u Ewropew, li ma kienux mingħajr skossi u polemiki, kif ukoll għadhom qegħdin jevolvu. L-Istat Malti għażel li jintroduċi dan il-qafas regolatorju bħala parti mill-ordinament ġuridiku tiegħu.

11. Dan iġib miegħu ċerti konsegwenzi. Fosthom li r-regoli imsemmija fl-Ordni li huma bbażatati fuq l-Arranġament, jiddipartixxi wkoll minn ċerti prinċipji oħra li kienu jeżistu qabel fil-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta. Anzi ġew introdotti proċeduri speċifiċi sabiex il-konsenja ta' persuna minn Stat tal-Unjoni Ewropea għal ieħor isir b'mod aktar ċeleri, b'inqas burokrazija u kavilli tekniċi jew legali.. Fi ftit kliem, fi ħdan l-Unjoni Ewropea, il-livell ta' żvilupp komuni fil-kamp tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp fil-liġi penali kemm sostantiva kif ukoll proċedurali waslu sabiex

[12] Per Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja. Deċiża 28 t'Ottubru, 2021; Appell numru 320 tal-2021

l-iStati Membri ta’ din l-Unjoni jafdaw aktar lil xulxin u lill-Awtoritajiet Ġudizzjarji fi ħdanhom fuq livell ferm akbar minn dawk tal-iStati Terzi.[13] ………

61. L-Avukat Ġenerali ssostni li anki mill-prinċipji u raġunamenti stabbiliti minn każistika applikabbli fejn tisħaq illi l-livell ta' kooperazzjoni bejn Stati Membri fejn jidħlu proċeduri ta' estradizzjoni tramite Mandat ta' Arrest Ewropew għandu jkun wieħed elevat u mnaqqas minn restrizzjonijiet infondati a bażi ta' fiducja reċiproka u li l-liġi li tiggverna l-esekuzzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew għandha tiġi applikata b'mod wiesa. …..

63. Din il-Qorti ma tistax toqgħod tidħol fuq l-apprezzament tal-provi jew tal-preponderanza tagħha; iżda hija meħtieġa li tistħarreġ l-atti tal-MAE preżentati lilha biex tara jekk u safejn ir-rekwiżit tal-estradibbilta ikunx jista’ jitqies sodisfatt. Dan naturalment irid isir dejjem fl-isfond tal-ħsieb importantissimu li dawn il-proċeduri tal-eżekuzzjoni ta’ MAE huma proċeduri speċjali, li jidderogaw minn norma, bażat fuq ir-rikonoxximent reċiproku ta’ deċiżjonijiet Ġudizzjarji u li jridu jitwetqu fi spirtu ta’ kollaborazzjoni tal-ogħla livell u fiduċja reċiproka bejn l-Awtoritajiet Ġudizzjarji tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, kif huma obbligati li jagħmlu bis-saħħa ta’ u bħala konsegwenza tad-Deċiżjoni Qafas (Framework Decision) li tirregola l-MAE.

64. Fil-fatt, kif mistqarr minn Lord Hope of Craighead **f’Armas**:

> 21. The Tampere European Council of 15 and 16 October 1999 which laid the foundations for this system was the highlight of Finland’s first Presidency of the European Union. Its theme was the creation of an area of freedom, security and justice within the EU, based on a shared commitment to freedom based on human rights, democratic institutions and the rule of law. In para 35 of the Presidency conclusions Member States were asked to abolish extradition in the case of persons who were fleeing from justice after having been finally sentenced and to replace it by a simple transfer of such persons. There was to be a new approach to judicial co-operation between Member States. The essence of that approach is described in recital 5 of the preamble to the Framework Decision in these words:
>
> “The objective set for the Union to become an area of freedom, security and justice leads to abolishing extradition between Member States and replacing it by a system of surrender between judicial authorities. Further, the introduction of a new simplified system of surrender of sentenced or suspected persons for the purposes of execution or prosecution of criminal sentences makes it possible to remove the complexity and potential for delay inherent in the present extradition procedures. Traditional cooperation relations which have prevailed up till now between Member States should be replaced by a system of free movement of judicial decisions in criminal matters, covering both pre-sentence and final decisions, within an area of freedom, security and justice.”
>
> 22. Recital 6 of the preamble states that the European arrest warrant is the first concrete measure in the field of criminal law implementing the principle of mutual recognition which was referred to at Tampere as the cornerstone of judicial cooperation. The use of the word “extradition” to describe the system which is then laid down is only possible, as Dr Brown points out in his commentary at p 41-9, if one subscribes to the Through the Looking Glass school of legislative drafting. What Part 1 of the 2003 Act provides for, in

---

[13] Ara d-diskors ta’ Lord Hope of Craighead fil-każ **Office of the King’s Prosecutor, Brussels (Respondents) v. Armas** [2005] UKHL 67.

its simplest form (where the conduct occurs in the territory of the requesting state, no part of it occurs in the United Kingdom and it falls within the European framework list of offences set out in Schedule 2: sections 64(2) and 65(2) of the 2003 Act), is really just a system of backing of warrants. It is designed to enable the persons against whom they are directed to be handed over in the shortest possible time to the requesting authorities. The grounds on which a Member State can decline to give effect to the European arrest warrant are, as my noble and learned friend Lord Scott of Foscote points out, very limited.

23. But a system of mutual recognition of this kind, such as that which in their relations with each other the three jurisdictions within the United Kingdom have long been used to, is ultimately built upon trust. Trust in its turn is built upon confidence. As recital 10 of the preamble puts it, the mechanism of the European arrest warrant is based on a high level of confidence between Member States. The reason why discussions about the introduction of the European arrest warrant generated so much heat in the United Kingdom was a lack of confidence in the ability of the criminal justice arrangements of other Member States to measure up to the standards of our own, and a corresponding lack of trust in the ability of the new system to protect those against whom it might be used. Now that the argument is over and the new system is in force it has to earn that trust by the way it is put into practice. The system has, of course, been designed to protect rights. Trust in its ability to provide that protection will be earned by a careful observance of the procedures that have been laid down.

24. In R v Governor of Ashford Remand Centre, Ex p Postlethwaite [1988] AC 924, 947 Lord Bridge of Harwich said that the court should not apply the strict canons appropriate to the construction of domestic legislation to extradition treaties. In In re Ismail [1999] 1 AC 320, 327 Lord Steyn, noting that there was a transnational interest in bringing those accused of serious crime to justice, said:
"Extradition treaties, and extradition statutes, ought, therefore, to be accorded a broad and generous construction so far as the texts permits it in order to facilitate extradition."

L-istess Qorti, diversament preseduta, fil-proċediment fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Antonio sive Anthony Satariano** tenniet:[14]

Il-provi li ggib persuna mressqa quddiem il-Qorti rimandanti, ma ggibhomx ghal-difiza tagħha. Effettivament din il-persuna ma tkunx akkuzata quddiem il-Qorti rimandanti, izda quddiem il-Qorti barranija. **Il-provi li ggib din il-persuna ma jkunux ghad-difiza tagħha mill-akkuzi fil-Qorti rimandanti barranija, izda biex turi li l-Qorti rimandanti Maltija ma jkollhiex tkun sodisfatta li r-reat in kwistjoni jkun estradibbli** .........

Huwa pacifku fil-gurisprudenza li l-kriterju dwar is-sufficjenza tal-provi ghall-fini tad-decizzjoni mill-Qorti Rimandanti dwar jekk ghandhiex jew le tibghat lill-persuna ghall-estradizzjoni, għandu jkun identiku ghall-kriterju dwar is-sufficjenza tal-provi ghall-fini tad-decizzjoni mill-Qorti Istruttorja dwar jekk ikunx hemm jew le ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. ...... Dan il-kriterju ġie dezinjat f'dawn it-termini. F'każ li l-Qorti issib li l-provi *prima facie* jindikaw il-

[14] Per Onor. Imħallef Victor Caruana Colombo; Deċiża 16 ta' Ġunju 1997. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Fatiha Khallouf** (25/9/2001) u **Il-Pulizija vs Raymond Gauci, Anthony Bartolo** (25/9/2001).

probabbilta` ta' htija, jew anke jekk ikollha dubbju f'dan ir-rigward, hija ghandha tibghat lill-persuna ghallestradizzjoni. Il-Qorti rimandanti ma ghandhiex tuzurpa l-funzjoni tal-gudikant: ma ghandhiex tikkonsidra l-preponderanza tal-provi;

**Il-persuna mressqa quddiem il-Qorti Rimandanti ma tistax iggib provi biex tattakka l-kredibbilita` tal-provi igjuba kontra tagħha. Il-provi li tista ggib huma dawk li jistghu juru li l-provi migjuba kontriha, fl-assjem taghhom, ma jindikaw ebda każ kontra tagħha, li minnu jkollha tiddefendi ruhha;**

Ghalhekk il-provi li tista' tipproduci l-persuna mressqa quddiem il-Qorti rimandanti, biex ikunu rilevanti ghall-procedura odjerna,ghandhom ikunu diretti ghall-fini imsemmi fil-paragrafu precedenti jew biex juru li r-reat dedott kontra tagħha mhuwiex estradibbli.
[emfasi ta' din il-Qorti]

Imbagħad fi-deċiżjoni **Il-Pulizija vs Anthony Roberts, magħruf ukoll bħala Anthony Joseph Gaetano Mario Busuttil** l-istess Qorti kompliet;[15]

…Il-forza probatorja rikjesta …ma tistax, ghalhekk tigi dezunta unikament minn provi rigwardanti akkuzi partikolari, imma mill-kumpless kollu tal-provi. Naturalment…**kwistjonijiet ohrajn, ta' fatt jew ta' dritt, li jistghu jispustaw l-akkuza fuq il-pjan legali u li forsi jistghu anke jwasslu ghall-eventwali liberazzjoni tal-estradant huma estranei għal dawn il-proceduri ghax dawn jidhlu fil-procediment veru u propju dwar il-meritu u dan il-procediment jista' 'sir biss mill-qorti estera, u mhux minn din il-Qorti.**
[emfasi ta' din il-Qorti]

Dan it-tagħlim hu l-pedament li din il-Qorti qed issejjes id-deċiżjoni tagħha kif ġa enunċjata seduta stante. Deċiżjoni li tirrikonoxxi l-**kompetenza w funzjonijiet limitati ta' Qorti Rimandanti.**

<u>Eċċezzjonijiet Preliminari Sollevati mill-Estradant</u>

Il-Qorti sejra biex tindirizza t-tlett eċċezzjonijiet preliminari mqanqla mill-estradant.

1. L-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-estradant hi dik fejn jikkontendi li ma nħareġ ebda mandat t'arrest nazzjonali kontra tiegħu; rekwiżit essenzjali biex jinħareġ MAE..

Fil-***Handbook on how to issue and execute a European arrest warrant,*** *(2017/C 335/01)* maħruġ mill-Kummissjoni Ewropeja u ppublikat fl-Official Journal of the European Union[16] hemm provdut:

---

[15] Per Onor. Imħallef F. Mizzi; Dec.16.12.76,
[16] 6.10.2017

### 1.2. Definition and main features of the EAW

The EAW is a judicial decision enforceable in the Union that is issued by a Member State and executed in another Member State on the basis of the principle of mutual recognition.

As noted by the Court of Justice in its judgments in Case C-452/16 PPU *Poltorak*[17] and Case C-477/16 PPU *Kovalkovas*[18], it follows from Article 1(1) of the Framework Decision on EAW that the EAW constitutes a 'judicial decision', which must be issued by a 'judicial authority', within the meaning of Article 6(1) thereof. The Court of Justice ruled that the words 'judicial authority', contained in Article 6(1) of the Framework Decision on EAW, are not limited to designating only the judges or courts of a Member State, but may extend, more broadly, to the authorities required to participate in administering justice in the legal system concerned. ……[19].

To make requests simpler and easier to comply with, they are now issued in a uniform way by filling in a EAW form. It is, however, always necessary that a national enforceable judgment or a national arrest warrant or similar judicial decision has been issued prior to and separately from the EAW (see Section 2.1.3.). .....

2.1.3. *The requirement for an enforceable judicial decision*

The issuing judicial authorities must always ensure that there is an enforceable domestic judicial decision before issuing the EAW. The nature of this decision depends on the purpose of the EAW. When the EAW is issued for the purposes of prosecution, a national arrest warrant or any other enforceable judicial decision having the same effect must have been issued by the competent judicial authorities of the issuing Member State (Article 8(l)(c) of the Framework Decision on EAW) prior to issuing an EAW. It was confirmed by the Court of Justice in its judgment in Case C-241/15 *Bob-Dogi*[20] that the national arrest warrant or other judicial decision is distinct from the EAW itself. When the EAW is issued for the purposes of execution of a custodial sentence or a detention order there must be an enforceable domestic judgment to that effect.

Ir-rekwiżit impost mid-Deċiżjoni Kwadru li għandu jkun hemm **deċiżjoni ġudizzjarja domestika esegwibbli** qabel ma jinħareġ MAE, f'dan il-każ ġiet sodisfatta in kwantu li dan il-MAE inħareġ wara li fit-23 ta' Novembru, 2021 ġiet ordnata l-***Ordinanza di applicazione di misura cautelare della custodia in carcere"***.[21]

---

[17] Judgment of the Court of Justice of 10 November 2016 *Poltorak*, C-452/16 PPU, ECLI:EU:C:2016:858.

[18] Judgment of the Court of Justice of 10 November 2016 *Kovalkovas*, C-477/16 PPU, ECLI:EU:C:2016:861.

[19] Malta kienet għamlet is-segwenti dikjarazzjoni: "In accordance with the provisions of Article 6(1) (Determination of the competent judicial authorities) of the Council Framework Decision of 13 June 2002 on the European Arrest Warrant and the Surrender Procedures between Member States (2002/584/JHA), the issuing judicial authority will be a Magistrate sitting in the Court of Magistrates". Council of the European Union, Brussels, 16 September 2004: 12438/04; COPEN 106, EJN 58, EUROJUST 75

[20] Judgment of the Court of Justice of 1 June 2016, *Bob-Dogi*, C-241/15, ECLI:EU:C:2016:385.

[21] **Dok.AG1** a fol. 149 et seq

Filwaqt li l-MAE jsemmi biss li fil-konfront tal-estradant inħareġ *"Order Applying a Personal Precautionary Measure in Prison"* mingħajr informazzjoni ulterjuri għajr għal riferenzi tal-proċedimenti Taljani (Proc. Penale n. 5870/2018 R.G.N.R.[22] u Proc. Penale n. 1329/2021 R.G.G.I.P.), kienet preċiżament il-**Form A** - li fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2022 din il-Qorti tant saħqet fuq l-importanza anzi l-indispensabbilita' tagħha[23] - li offriet din l-informazzjoni.

Fil-parti intitolata **"Arrest Warrant or Judicial Decision Having the Same Effect"** tinsab id-data tal-23 ta' Novembru, 2021. Dan l-*'Arrest Warrant or Judicial Decision Having the Same Effect'* hu esibit bħala **Dok.AG1.[24]**

Konsegwentement din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta peress li l-provi juru propju l-kuntrarju ta' dak li jsostni l-estradant.

2. In kwantu għat-tieni eċċezzjoni tal-estradant, li ċ-Ċertifikat maħruġ mill-Avukat Ġenerali ma jissodisfax il-vot tal-liġi peress li ma jagħmel ebda riferenza għal dak li jitlob ir-Regolament 7 tal-Ordni, il-Qorti tissottolinja li ċ-ċertifikat tal-Avukat Ġenerali jagħmel ukoll riferenza għar-regolament 7 tal-Ordni:

> 7. L-Avukat Ġenerali jista', skond ma jkun jaħsibha hu personalment, joħroġ ċertifikat li juri li l-awtorità li tkun ħarġet mandat taħt it-Taqsima II ikollha l-funzjoni li toħroġ mandati ta'arrest fil-pajjiż rikjedenti u dak iċ-ċertifikat għandu jkun wieħed konklużiv f'dak li jkun juri.

L-iskop taċ-Ċertifikat tal-Avukat Ġenerali hu dak li jiċċertifika l-allert li jikkonsisti f'informazzjoni li tiġi kommunikata lill-pajjiżi li jiffurmaw parti mix-*Schengen Area* li bih jiġu mgħarrfa li hemm Mandat t'Arrest Ewropew maħruġ għall-persuna mfittxija. Mal-allert jiġi anness il-MAE fil-lingwa oriġinali tal-pajjiż rikjedent. Għaldaqstant m'hemmx dubbju li l-awtorità li tkun ħarġet l-allert u li magħha jkun hemm mehmuż l-MAE maħruġ mill-istess awtorità, qatt ma tista' tkun waħda differenti għall-allert u l-MAE għaliex dawn jittrattaw l-istess talba għall-treġġija!

Jingħad l-ovvju: meta pajjiż jinserixxi mal-allert il-MAE miktub fil-lingwa nazzjonali tiegħu, ġeneralment ma jkunx jaf fejn ser jiġi rintraċċat w arrestat il-persuna mfittxija. Hu ludikru li mandat jiġi tradott bil-lingwi kollha tal-iStati Membri!

---

22 *"Registro Notizie del Reato"*/ "Register of *notitia criminis"*
23 Vide Sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta tat-30 ta' Ġunju, 2022 a fol.86 et seq
24 A fol.149 et seq

Hu għalhekk li l-allert u l-informazzjoni li tiġi annessa miegħu, li tkun bl-Ingliż, isservi skop utilissimu tant li **l-liġi tekwipara l-allert mal-MAE** sakemm dan jiġi trażmess lill-awtorità rikjesta bil-lingwa li dak il-pajjiż ikun innotifika lill-Unjoni Ewropeja li lesta taċċetta, fil-każ tagħna bil-Malti jew bl-Ingliż.

Fil-fatt fin-***Notifications*** ai termini tad-*Deċiżjoni Kwadru tat-13 June 2002 fuq il-Mandat t'Arrest Ewropew,* Malta għamlet is-segwenti dikjarazzjoni:[25]

> All requests must be in Maltese or English or be accompanied by a translation into Maltese or English. A Part II warrant may be transmitted by any secure means capable of producing written records and under conditions permitting the ascertainment of its authenticity.

Imbagħad fl-informazzjoni mibgħuta lil *Council of the European Union*, hemm dikjarat:[26]

> Malta operates the Schengen Information System. An Article 95 alert is deemed to be a Part II warrant issued by the authority of a scheduled country, pending the receipt of the original in due and proper form and any information sent with the alert relating to the case is deemed to be included in the warrant.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali korrettament, u ai termini kemm tar-regolament 6A u 7 tal-Ordni, iċċertifikat lil *Tribunale di Catania, Sezione del Giudice per gli Indagini Preliminari* - l-awtorità li fuq talba tagħha nħareġ l-allert għall-estradant - bħala awtorità li *"għandha l-funzjoni li titlob il-ħruġ ta' l-allerti"* fl-Italja. Dan hu preċiżament dak li jirrekjedi r-regolament 7 tal-Ordni kif emendat bir-regolament 6A.

Fil-fatt fir-regolament 6A tinsab is-segwenti dispożizzjoni li sservi biex turi kif dawn iż-żewġ regolamenti, u daqstant ieħor l-allert u l-mandat liema mandat ikun anness mal-allert innifsu, huma riflessjoni tal-istess informazzjoni w intiżi biex wieħed jissostitwixxi lill-ieħor:

> 6A. (1) Dan l-artikolu japplika f'każ meta jinħareġ allert taħt l-Artikolu 26 tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen minn awtorità ta' pajjiż skedat.
>
> (2) F'dak il-każ, dan l-Ordni japplika bħallikieku -
>
> (a) dak l-allert kien mandat taħt it-Taqsima II maħruġ mill-awtorità, sakemm l-oriġinal jasal fil-forma proprja tiegħu kif imiss;

---

[25] Council of the European Union, Brussels, 16 September 2004: 12438/04; COPEN 106, EJN 58, EUROJUST 75)

[26] Council of the European Union, Brussels, 8 May 2008. 9143/08: COPEN 89, EJN37, EUROJUST 44

(b) kull informazzjoni li tintbagħat flimkien mal-allert u li jkollha x'taqsam mal-każ kienet inkluża fil-mandat

(3) Kif applikat bis-subartikolu (2), dan l-Ordni għandu jseħħ b'dawn il-bidliet li ġejjin –

(a) fl-artikolu 7 minflok il-kliem "li toħroġ mandati ta' arrest" għandhom jidħlu l-kliem "li titlob il-ħruġ ta' allerti";

(b) fl-artikoli 7 u 13A, minflok il-kliem "awtorità li tkun ħarġet mandat taħt it-Taqsima II" għandhom jidħlu l-kliem **"awtorità li l-allert ikun inħareġ fuq it-talba tagħha";**

Intant m'hemmx dubbju li l-MAE anness mal-allert[27], li tiegħu tinsab traduzzjoni bl-Ingliż[28], inħareġ mill *Tribunale di Catania, Sezione Del Giudice Per Le Indagini Preliminari* fil-11 ta' Diċembru, 2021, **l-istess awtorità** li l-Avukat Ġenerali qed tiċċertifika ai termini tar-Regolamenti 6A u 7 tal-Ordni.

Isegwi li din l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda tenut kont ukoll li kemm il-darba l-Avukat Ġenerali tiċċertifika l-allert li jkun iddaħħal fis-sistema Schengen – azzjoni li ta' bilfors issir wara l-ħruġ ta MAE w wieħed domestiku fuq talba tal-awtorità emittenti - **l-awtorità emittenti tal-allert u l-MAE ma tistax għajr tkun l-istess waħda**! Iktar minn hekk, iċ-Ċertifikat tal-Avukat Ġenerali jagħmel riferenza għal estradant u cioe għal John Spiteri, ta' nazzjonalità Maltija, imwieled nhar l-erbatax (14) ta' Frar 1966, dettalji riprodotti fil-MAE.

Din l-interpretazzjoni issib komfort f'dak li ġie deċiż riċentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha **Il-Pulizija vs. Tencho Gospodinov TENEV**:[29]

8. Is-sistema taċ-ċertifikazzjoni ta' Allerti maħruġa taħt is-Sistema tal-Informazzjoni Schengen u ċ-ċertifikazzjoni ta' Mandati t'Arrest Ewropew li ssir mill-Avukat Ġenerali tikkonferma b'mod Uffiċjali li l-awtorità li tkun ħarġet l-Allert taħt is-Sistema tal-Informazzjoni Schengen u l-Mandat tal-Arrest Ewropew ikollha l-funzjoni li toħroġ l-Allerti jew il-Mandati t'Arrest fil-pajjiż rikjedenti u dak iċ-ċertifikat għandu jkun wieħed konkluživ f'dak li jkun juri. Din iċ-ċertifikazzjoni b'hekk tivvalida dak l-Allert jew il-Mandat t'Arrest Ewropew skont il-każ, b'mod li mbagħad bis-saħħa ta' dak iċ-ċertifikat il-Pulizija tkun tista' tipproċedi biex tarresta lill-estradant taħt id-dispożizzjonijiet tar-regolament numru 8 jew 9 tal-Ordni skont il-każ; u minn hemm imbagħad tissokta l-proċedura tal-eżekuzzjoni tal-Mandat tal-Arrest Ewropew jew l-Allert skont il-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti.

9. Din is-sistema ta' ċertifikazzjoni dupliċi hija bażata fuq il-fatt li għall-fini ta' proċedura ta' ċediment ta' persuna rikjesta fis-sensi tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/JHA)

[27] **Dok.MG3** a fol. 13 et seq
[28] **Dok.MG4** a fol.21 et seq
[29] Per Onor. Imħallef Dr. Aron Bugeja; Deċiża 28 ta' Lulju 2022

kemm il-Mandat tal-Arrest Ewropew u kemm l-Allert (magħruf ukoll bħala it-"Twissija") jistgħu jgħoddu: ......

10. Din ir-regola ġiet trasposta fir-regolament 6A tal-Ordni, ……

11. Ta' min jinnota li l-mod kif ġie traspost dan l-artikolu 9 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/JHA) kemm il-Mandat tal-Arrest Ewropew ma jagħmilx distinzjoni bejn perjodu tranżitorju u dak regolari. Allert jew Twissija tkun ekwivalenti għal Mandat ta' Arrest Ewropew akkumpanjat mill-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 8(1) ta' din id-Deċiżjoni Kwadru. Dment li l-Allert ikun jissodisfa dawn ir-rekwiżiti jista' jitqies li għandu eżekutibbilita bħal dik ta' Mandat t'Arrest Ewropew. B'hekk fil-Liġi Maltija, Allert waħdu – fis-sensi tar-regolament 6A tal-Ordni - jista' jservi ta' bażi għal proċedura ta' ċediment ta' persuna fl-Unjoni Ewropea. Huwa għalhekk li s-sistema taċ-ċertifikazzjoni maħluqa mill-Ordni tista' ssir kemm fil-każ ta' ħruġ ta' Allert u kif ukoll fil-każ ta' Mandat ta' Arrest Ewropew. Din iċ-ċertifikazzjoni tista' wkoll tkun maħruġa separatament mill-Avukat Ġenerali dipendenti fuq liema 5 wieħed minn dawn id-dokumenti jkunu jirriżultaw maħruġa u riċevuti minnha.

12. F'dan il-każ l-Avukat Ġenerali, għalkemm intestat iċ-ċertifikat tagħha taħt ir-regolamenti 6A u 7 tal-Ordni, għaddiet biex għamlet iċ-ċertifikazzjoni tagħha bil-mod segwenti:

> Niċċertifika li id-District Prosecutor's Office ġewwa Haskovo, l-Bulgarija, l-awtorità li fuq it-talba tagħha nħareġ l-allert għal Tenev Tencho Gospodinov, ta' nazzjonalita' Bulgara, imwieled ġewwa Haskovo, il-Bulgarija nhar il-20 ta' Marzu 1975, għandha l-funzjoni li titlob il-ħruġ tal-allerti ġewwa l-Bulgarija.

13. Minn din iċ-ċertifikazzjoni jemerġi li f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali ddeċidiet li tiċċertifika unikament l-Allert maħruġ taħt is-Sistema tal-Informazzjoni Schengen mingħajr ma ħarġet ukoll iċ-ċertifikazzjoni għall-Mandat tal-Arrest Ewropew. **Din hija deċiżjoni li l-Avukat Ġenerali setgħet legalment tieħu in kwantu din iċ-ċertifikazzjoni tista' ssir kemm taħt ir-regolament 6A kif ukoll taħt ir-regolament 7 tal-Ordni.** [emfasi ta' din il-Qorti]

14. Il-ħruġ tal-Allert jista' jkun mezz iżjed effiċjenti biex tittieħed azzjoni fl-iqsar żmien possibbli fil-konfront ta' estradant li jkun irid jiġi rintraċċjat u arrestat. Bis-saħħa tal-Allert, ikun possibbli għall-Prosekutur li jipproċedi bil-miżuri tal-arrest anke qabel ma l-Mandat tal-Arrest Ewropew jasallu fil-forma proprja tiegħu kif imiss. Huwa għalhekk li l-Avukat Ġenerali tkun tista' toħroġ iċ-ċertifikazzjoni tagħha bażata biss fuq l-Allert fis-sensi tar-regolament 6A tal-Ordni anke qabel ma jkun waslilha l-Mandat innifsu fil-forma proprja kif imiss. Infatti minbarra ċ-ċertifikazzjoni tal-Allert li tista' ssir taħt ir-regolament 6A tal-Ordni, ir-regolament 7 imbagħad jippreskrivi s-setgħa tal-Avukat Ġenerali li tkun tista' tipproċedi biċ-ċertifikazzjoni relattiva għall-Mandat tal-Arrest Ewropew:

> 7.L-Avukat Ġenerali jista', skond ma jkun jaħsibha hu personalment, joħroġ ċertifikat li juri li l-awtorità li tkun ħarġet mandat taħt it-Taqsima II ikollha l-funzjoni li toħroġ mandati ta' arrest fil-pajjiż rikjedenti u dak iċċertifikat għandu jkun wieħed konklużiv f'dak li jkun juri.

15. Dawn iċ-ċertifikazzjonijiet jistgħu allura jsiru separatament. Iċ-ċertifikazzjoni taħt regolament minnhom ma ġġibx awtomatikament ċertifikazzjoni taħt ir-regolament l-ieħor. Għalkemm iż-żewġt regolamenti 6A u 7 tal-Ordni jagħtu s-setgħa lill-Avukat Ġenerali li toħroġ ċertifikazzjoni taħthom,

l-att taċ-ċertifikazzjoni per se huwa speċifiku għal dak ir-regolament partikolari. Il-fatt li l-Avukat Ġenerali 6 tkun għamlet il-proċedura ta' ċertifikazzjoni taħt ir-regolament 6A u ssemmi li l-Awtorita li tkun ħarġet l-allert ikollha fil-fatt is-setgħa li toħroġ Allerti fil-ġurisdizzjoni estera partikolari ma jwassalx ukoll awtomatikament biex dak il-proċess ta' ċertifikazzjoni jista' jitqies ukoll li sar b'riferenza għal dak li jipprovdi r-regolament 7 tal-Ordni. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li l-proċedura għall-proċediment taħt l-Ordni tkun monka u dan peress li bis-saħħa tar-regolament 6A tal-Ordni biċ-ċertifikazzjoni tal-Allert, ikun possibbli li tittieħed l-azzjoni kontemplata kontra l-estradant fis-sensi tal-Ordni daqslikieku kienet saret taħt il-proċedura taċ-ċertifikazzjoni tal-Mandat tal-Arrest Ewropew.

16. F'dan il-każ allura jirriżulta li ċ-Ċertifikazzjoni minn naħa tal-Avukat Ġenerali, u allura dik li sservi bħala l-bażi tal-azzjoni ġudizzjarja li tikkonsegwi – kemm kwantu għall-arrest tal-estradant taħt ir-regolamenti 8 jew 9 tal-Ordni, kif ukoll is-segwenti azzjoni għall-eżekuzzjoni tal-Allert jew tal-Mandat t'Arrest Ewropew skont il-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti – saret in bażi għall-Allert maħruġ taħt is-Sistema tal-Informazzjoni Schengen in bażi għar-regolament 6A tal-Ordni u mhux ukoll fuq il-Mandat tal-Arrest Ewropew taħt ir-regolament 7 tal-Ordni. Dan allura jfisser li l-bażi legali li fuqha ittieħdet il-kumplament tal-azzjoni in eżekuzzjoni għal dak l-Allert, kienet bażata fuq dak l-Allert maħruġ taħt is-Sistema tal-Informazzjoni Schengen. Dan l-Allert jassumi għalhekk il-bażi tal-azzjoni li ttieħdet mill-Prosekuzzjoni f'dan il-każ quddiem il-Qorti Rimandanti.

17. Issa għalkemm dan il-punt partikolari li jsawwar il-meritu tal-preġudizzjali tad-Difiża ma kienx ġie sollevat quddiem il-Qorti Rimandanti, trattandosi ta' punt li jolqot il-bażi innifisha tal-proċedura taċ-ċediment, din il-Qorti tqis li dal-punt sollevat mid-Difiża jista', anzi għandu, jiġi mistħarreġ inkluż fi stadju ta' appell in kwantu jekk il-bażi li fuqha tistrieħ il-proċedura ta' ċediment mhix rispettuża tar-rekwiżiti bażiċi tal-Leġislazzjoni lokali u dik komunitarja, allura t-treġġigħ lura tal-estradant ma jkunx jista' jseħħ.

18. Qabel xejn, punt kardinali li jirregola dawn il-proċeduri jemerġi mill-ħsieb innifsu wara l-promulgazzjoni tal-Mandat tal-Arrest Ewropew u t-tqegħid fis-seħħ tas-SIS u SIS II. Kif intqal fis-sentenza tas-Supreme Court tar-Renju Unit : **Konecny (Appellant) v District Court in Brno-Venkov, Czech Republic (Respondent)**[30]

> 10. The European Union system for the surrender of a requested person for the purposes of conducting a criminal prosecution or executing a custodial sentence or detention order is established by the Framework Decision as amended. The recitals in the preamble make clear that its objective is to abolish extradition between member states and replace it by a system of surrender between judicial authorities. It was intended that the introduction of <u>a new simplified system of surrender of sentenced or suspected persons for the purposes of execution or prosecution should make it possible to remove the complexity and potential for delay inherent in previous extradition procedures (recital (5)).</u> <u>The mechanism of the EAW is based on a high level of confidence between member states</u> (recital (10)). In relations between member states the EAW was intended to replace all the previous instruments concerning extradition (recital (11)) ……

21. Kwantu għat-tieni punt sollevat mill-Prosekuzzjoni din il-Qorti diġa stqarret li f'dan il-każ, iċ-ċertifikazzjoni tal-Avukat Ġenerali kjarament saret in bażi għal dak mistqarr fiċ-ċertifikat innifsu,

[30] [2019] UKSC 8 appell minn [2017] EWHC 2360 (Admin).

iġifieri li dan inħareġ fuq il-bażi tal-Allert. Biss kif ingħad dan il-fatt waħdu u ċjoe li ċ-ċertifikazzjoni tal-Avukat Ġenerali saret biss in bażi għall-Allert ma ġġibx difett fil-proċedura, dment li r-rekwiżiti bażiċi li jsawwar l-Allert ikunu ġew sodisfatti. Stante li l-Ordni ma jispjegax dan il-punt, il-Qorti trid tistħarreġ il-leġislazzjoni komunitarja biex tara jekk u safejn huwa meħtieġ li għall-fini tal-proċedura tal-eżekuzzjoni tal-Mandat tal-Arrest Ewropew bażata fuq Allert - flimkien mal-Allert hux meħtieġ li tiġi wkoll mogħtija lil Qorti Rimandanti l-A Form; u dan meta, bħal ma ġara fil-każ ta' Malta, l-azzjoni għall-estradizzjoni issa hija bażata fuq l-Allert fis-sensi tar-regolament 6A tal-Ordni. …….

23. Minn dan ir-regolament jemerġi ċar li għall-fini tal-Liġi Maltija, l-Allert għandu jinftiehem bħala dik it-Twissija maħruġa taħt l-artikolu 26 tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Dan ir-regolament 6A tal-Ordni ma jagħmel ebda riferenza għall-formola A jew li l-informazzjoni imsemmija fis-subregolament 2(b) tiegħu trid bilfors tkun komunikata bil-formola A. L-enfażi tal-Liġi ssir fuq li l-Allert ikollu l-informazzjoni li tintbagħat flimkien mal-allert u li jkollha x'taqsam mal-każ kienet inkluża fil-mandat. U allura fil-każ fejn dik l-informazzjoni tkun tinsab kontenuta fil-kopja tal-Mandat t'Arrest Ewropew li jkun inserit fis-SIS u li wkoll kopja tiegħu tkun ġiet trasmessa lil Qorti Rimandanti (fil-lingwa Maltija jew Ingliża – lingwi li Malta għażlet għal-fini ta' notifika) – ir-rekwiżiti tar-regolament 6A tal-Ordni għandhom jitqiesu li huma sodisfatti. Wara kollox l- 9 informazzjoni rikjesta li tkun trasmessa bil-formola A għandha tkun l-istess dik li tinsab fil-Mandat t'Arrest Ewropew innifsu u li l-ħruġ tiegħu ikun ippreċediha. B'hekk dment li l-Allert ikun akkumpanjat bil-kopja tal-Mandat tal-Arrest Ewropew oriġinali debitament tradott fl-ilsien ingliż jew Malti, m'hemmx ħtieġa li tkun preżentata lil-Qorti wkoll il-formola A.

24. Din l-interpretazzjoni hija in linea mar-rekwiżiti imsemmija fil-leġislazzjoni komunitarja dwar dan is-suġġett.

B'hekk din it-tieni l-eċċezzjoni preliminari qed tiġi respinta.

3. L-aħħar eċċezzjoni preliminari tal-estradant hi dik dwar l-identità tiegħu li qed tiġi kontestata. Dan wara li stranament hu stess issottometta ruħu għall-eżami[31] u minkejja li qabel ma ingħata bidu għall-*extradition hearing,* fil-kors tal-*initial hearing,* il-Qorti iddeterminat li l-persuna quddiemha hi l-persuna li dwarha ikun inħareġ il-mandat imsemmi fir-regolament 5, f'dan il-każ l-MAE mit-Tribunale di Catania.[32] B'hekk kien ġie sodisfatt ir-regolament 10 tal-Ordni li jgħid:

(2) Il-qorti għandha tiddeċiedi jekk il-persuna li tinġieb quddiemha tkunx il-persuna li dwarha-

(a) ikun inħareġ il-mandat imsemmi fis-subartikolu (1)(a), jew (b) ikun inħareġ il-mandat imsemmi fl-artikolu 9(3) ……

(3) Il-qorti għandha tiddeċiedi l-kwistjoni fis-subartikolu (2) skond bilanċ tal-probabbiltajiet

Fil-każ in deżamina l-MAE inħareġ għal *"John Spiteri, …Maltese … Date of Birth **14/02/1966** … Identity Card/Passport no.**1221274**".* Issa mill-eżami li sar lill-estradant fil-bidu ta' dawn il-proċeduri dan iddikjara li jismu John Spiteri u

[31] Vide eżami magħmul fil-5 ta' Awissu, 2022.
[32] **Dok.MG3** u **Dok.MG4**

għandu 56 sena.[33] Iktar minn hekk ġiet esibita kopja tal-passaport Malti tiegħu li jġib in-numru 1221274 kif ukoll kopja tal-karta tal-identità tiegħu li jindikaw id-data ta' twelid tiegħu bħala dik tal-14 ta' Frar, 1966.

Minn **Dok.AG5 u Dok.AG6**, *Richiesta Di Rinvio a Giudizio (Bill of Indictment)* jirrrizulta li *"Spiteri John.....difeso di fiducia dall'avv. Gianluca Gulino"* u *"Spiteri John....legally assited by Lawyer Gianluca GULINO"*. F'dan il-kwadru fejn qed tiġi kontestata l-identità tal-estradant bħala l-persuna li għalih inħareġ il-MAE odjern, ma jistax ma jiġix ukoll rimarkat li d-difiża fil-kors tal-udjenza tal-5 ta' Awissu 2022, talbet sabiex *"tressaq bħala xhud tagħha Dr. Gianluca Gulino sabiex jixhed dwar informazzjoni u fatti rilevanti ....".*

Magħdud dan kollu l-Qorti ma għandha l-ebda dubbju li l-MAE jirreferi għall-estradant kif, wara kollox, kien ġa laħaq ġie determinat fis-smigħ tal-bidu (*initial hearing).*

Ikkunsidrat,

Issa f'dan l-istadju tas-smigħ dwar l-estradizzjoni Qorti Rimandanti għandha, abbażi tal-informazzjoni mibgħuta fl-allert u/jew fil-MAE skond il-każ, fl-ewwel lok tiddetermina jekk ir-reat/i li dwaru/dwarhom qed tintalab l-estradizzjoni hux/humiex reat/i estradibbli.

Mill-MAE jirrizulta li Spiteri hu mfittex (i) għar-reat ta' parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali bl-iskop li tiġi traffikata d-droga f'Malta u fl-Italja fiż-żmien bejn Mejju, 2018 w April 2019 u (ii) għal traffikar ta' droga f'Malta u fl-Italja bejn it-22 u 29 ta' Ġunju, 2018.

L-abbli prosekutur tissottometti li r-reati li għalihom qed jintalab it-treġġigħ tal-estradant huma estradibbli ai termini tar-regolament 59(3) tal-Ordni filwaqt li l-abbli difiża tikkontendi li filwaqt li l-ebda minn dawn ir-reati ma huma ta' natura estradibbli, tissottometti li sabiex il-Qorti tkun f'pożizzjoni tieħu din id-deċiżjoni, hi għandha indispensabbilment tifli l-provi li jirriżultaw minn l-atti sabiex tiddetermina jekk dik l-imġieba deskritta fil-mandat tammontax għal reat t'estradizzjoni. Skond l-istess difiża mill-kontenut tal-EAW il-Qorti ma tistax tasal għall-kondotta li jagħmel riferenza għaliha r-regolament 59 tal-Ordni, bil-konsegwenza illi ma tistax tagħmel l-ezercizzju mitlub minnha sabiex tiddetermina dak rikjest mid-diversi sub-regolamenti w sub-inċizi tar-regolament 59 tal-Ordni,[34] u cioe "tevalwa l-*imġieba*" ta' Spiteri.

[33] Ibid.
[34] Verbal tal-5 t'Awissu, 2022 u l-ewwel eċċezzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha.

Ir-regolament 12 tal-Ordni jipprovdi:

> (2) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar jekk ir-reat imsemmi fil-mandat ikunx reat ta' estradizzjoni.

Għalkemm fir-regolament 59, li jittratta reati estradibbli f'każ fejn persuna hi mfittxija *for prosecution,* it-terminoloġija wżata hi dik ta' "imġieba" issir riferenza għall-artikolu 13(2)(b)(i) u (ii) tal-att dwar l-Estradizzjoni li ġie reż applikabbli għall-proċeduri fuq MAE bir-regolament 5(5)(a) tal-Ordni. Fl-artikolu 13 tal-Att dwar l-Estradizzjoni nsibu:

> (2) Għandu jingħata ma' kull talba magħmula għall-finijiet ta'dan l-artikolu f'isem xi pajjiż – …..
>
> (a) fil-każ ta' persuna akkużata ta' reat, mandat għall-arrest tagħha maħruġ f'dak il-pajjiż; .....
> (i) il-partikolaritajiet tal-persuna li t-treġġigħ lura tagħha jkun mitlub, magħdud tagħrif biżżejjed biex jiġu stabbiliti l-identità u n-nazzjonalità tagħha;
>
> (ii) il-**partikolaritajiet tal-fatti** li fuqhom u tal-liġi li taħtha dik il-persuna tkun akkużata jew tkun instabet ħatja, <u>id-deskrizzjoni legali tar-reat</u> u kopja tal-leġislazzjonijiet relattivi jew (jekk dan ma jkunx prattikabbli) dikjarazzjoni dwar il-liġi rilevanti;

Jibqa' għalhekk jiġi determinat x'tip ta' eżerċizzju għandha tagħmel din il-Qorti biex tiddetermina jekk ir-reati li għalihom qed tintalab l-estradizzjoni tal-estradant humiex reati estradibbli. Ir-regolamenti rilevanti hu r-regolament 59(3) tal-Ordni ġaladarba ma jsibx applikazzjoni r-regolament 59(2) u dan peress li, skond il-MAE l-imġieba tal-estradant li tiffigura bħala reat skedat, minbarra li seħħet fil-pajjiż skedat seħħet ukoll f'Malta.

Il-Qorti tal-appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Omissis** għamlet eżami *funditus* fuq l-rwol tal-Qorti meta tiġi biex tiddetermina jekk imġieba ossia *"conduct"* tikkostitwixxix reat estradibbli jew le:[35]

> 41. …. Fi proceduri ta' MAE, il-Qorti Maltija trid tara biss jekk ir-rekwiziti bazici msemmija fl-Ordni jkunux gew sodisfatti **minghajr ma toqghod tistharreg il-meritu tal-każ, li jibqa' prerogattiva tal-Qorti tal-pajjiż rikjedent**. F'każ li l-Qorti Maltija ssib li r-rekwiziti bazici msemmija fl-Ordni jkunu sodisfatti tordna li l-estradant jintbaghat fil-pajjiż rikjedent.jekk le tordna l-helsien tiegħu. ……[emfasi ta' din il-Qorti]
>
> 46. …….Dan ir-rekwiżit tal-analiżi tal-"imġieba" huwa importanti in kwantu huwa fuq dak li jirriżulta li tkun l-imġieba fl-atti tal-MAE li l-Qorti Maltija tkun tista' tiddeċiedi jekk reat ikunx jista' jitqies bħala reat t'estradizzjoni jew le.
>
> 47. Illi kwantu għat-tifsira tal-kelma l-"imġieba" ossija "the conduct" fiż-żewġt Liġijiet, intqal minn Lord Bingham of Cornhill fis-sentenza **Armas** li din tfisser:

[35] Per Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja; 28 t'Ottubru, 2021; Appell numru 320 tal-2021

**I would accept the submission of Mr James Lewis QC for the prosecutor that "the conduct" in section 65 means the conduct complained of or relied on in the warrant.** Such a reading is consistent with the language and purpose of the Framework Decision, obviates the need for an undesirable enquiry into the niceties of a foreign law and is consistent, so far as that is relevant, with the earlier decision of the House in In re Nielsen [1984] AC 606, 614-615. **I would accordingly agree with the Deputy Senior District Judge and differ from the Divisional Court in holding that, since some of the conduct complained of or relied on in the warrant occurred in the United Kingdom, the condition in subsection (2)(a) is not satisfied and subsection (2) is accordingly inapplicable.**[36] ..... [sottolinejar ta' din il-Qorti]

17. I cannot, however, accept that subsection (3) is to be read as requiring that all the conduct complained of should have occurred in the category 1 territory. The subsection does not so provide, and the qualification that no part of the conduct should have occurred in the United Kingdom, expressly stipulated in subsections (2)(a), (5)(a) and (6)(a), is not found in (3)(a). It must be inferred that that qualification was not intended. It is enough, under subsection (3)(a), if some of the conduct complained of or relied on occurred in the category 1 territory. More fundamentally, I cannot accept that, because subsection (2)(a) is specifically directed to framework list offences, subsections (3) to (6) should be understood to exclude such offences. It is only if a case falls within subsection (2) that the double criminality requirement is dispensed with, as subsections (3)(b), (4)(c), (5)(b) and (6)(c) make clear. This reflects the thrust of the Framework Decision. But there is nothing in the section to suggest that subsections (3), (4), (5) and (6) cannot apply to framework list offences where the relevant requirement of double criminality is met. No reason of logic or justice was suggested to support such a rule, and it is plain from hypothetical examples suggested in argument that it would lead to results which neither the European Council nor Parliament could ever have intended. I am accordingly of opinion that there is nothing in the language of subsection (3) which would preclude its application to this case. I would accordingly, for these reasons and those given by my noble and learned friend Lord Hope of Craighead, dismiss the appeal and uphold, for slightly different reasons, the Divisional Court's order that the matter be remitted to the Deputy Senior District Judge to continue the hearing. [sottolinejar ta' din il-Qorti]

48. Lord Hope of Craighead jaqbel mal-kollega tiegħu Lord Bingham fuq dan il-punt u jżid hekk:

40. I would construe the word "conduct" in sections 65(2)(a) and 65(3)(a) of the 2003 Act in the light of these authorities. The conduct must occur "in" the category 1 territory if the condition which is set out in these paragraphs to be satisfied. But a purposive meaning must be given to the word "conduct" in this context. It would impose a wholly artificial restriction on the extradition process if it were to be taken as meaning that all the conduct which resulted in the offence must have taken place exclusively within the category 1 territory. Actings elsewhere will be sufficient to constitute conduct in that territory so long as their intended effect was to bring about harm within that territory. It would be immaterial to a request for extradition to Belgium, for example, that the actings which had a harmful effect were all in France or in Germany. **The situation would be different, of course, if some part of those actings occurred in the United Kingdom. But that is because of the qualification that section 65(2)(a) has introduced, which prevents**

[36] Enfasi ta' din il-Qorti.

**cases where some of the conduct occurs in the United Kingdom from being treated as an extradition offence under that subsection.**[37] The fact that it was thought necessary to insert this qualification is consistent with the existence of a general rule of the kind that I have described. ....[sottolinejar ta' din il-Qorti]

63. Din il-Qorti ma tistax toqgħod tidħol fuq l-apprezzament tal-provi jew tal-preponderanza tagħha; iżda hija meħtieġa li tistħarreġ l-atti tal-MAE preżentati lilha biex tara jekk u safejn ir-rekwiżit tal-estradibbilta ikunx jista' jitqies sodisfatt. Dan naturalment irid isir dejjem fl-isfond tal-ħsieb importantissimu li dawn il-proċeduri tal-eżekuzzjoni ta' MAE huma proċeduri speċjali, li jidderogaw minn norma, bażat fuq ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet Ġudizzjarji u li jridu jitwetqu fi spirtu ta' kollaborazzjoni tal-ogħla livell u fiduċja reċiproka bejn l-Awtoritajiet Ġudizzjarji tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, kif huma obbligati li jagħmlu bis-saħħa ta' u bħala konsegwenza tad-Deċiżjoni Qafas (Framework Decision) li tirregola l-MAE. .....

68. Fl-artiklu miktub mill-Professur Colin Warbrick fl-**International and Comparative Law Quarterly**[38] jismu "**Extradition aspects of Pinochet 3**" l-awtur ifisser din il-frażi b'dan il-mod:

This makes the "double criminality" test one for each legal system rather than of identity in both. In most cases, the question will be relatively simple: would the conduct alleged against the fugitive in the requesting State constitute an offence punishable by 12 months imprisonment in the United Kingdom if the conduct had taken place here? This is substantive double criminality.......

Dawn il-konsiderazzjonijiet isibu applikazzjoni fil-proċeduri in deżamina fejn, kif ġa sar aċċenn aktar il-fuq, ir-reati li għalihom qed tintalab it-treġġija tal-estradant huma reati skedati jew *"scheduled offences"*.

L-istess Qorti kif preseduta riċentement għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li jkomplu jenfasizzaw l-importanza li awtorità ezekuttriċi **għandha tistrieħ fuq dak dikjarat fil-mandat** maħruġ minn awtorità ġudizzjarja barranija:[39]

77. Kif intqal qabel dawn il-proċeduri huma msejsa fuq il-Liġi speċjali li tirregola l-Mandati t'Arrest Ewropew, li hija Liġi li f'ċerti versi hija drakonjana u titbiegħed mill-prinċipji tradizzjonali tal-estradizzjonijiet. Din hi proċedura ta' ċediment ta' persuni bejn awtoritajiet ġudizzjarji tal-istati membri tal-Unjoni Ewropea li hija ben diversa minn dik il-proċedura ta' estradizzjoni eżistenti bejn Stati li ma jifformawx parti minn din l-Unjoni. Il-qofol ta' din il-proċedura hija l-fiduċja reċiproka li l-Awtoritajiet Ġudizzjarji tal-Unjoni Ewropea għandhom fl-operat reċiproku tagħhom li huwa msaħħaħ mhux biss bit-Trattati tal-Unjoni u l-Karta tal-Jeddijiet Fundamentali iżda wkoll bil-prinċipji tar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji. Dawn id-deċiżjonijiet, inkluż il-ħruġ tal-Mandati t'Arrest Ewropew isiru minn Awtoritajiet Ġudizzjarji u l-preżunzjoni hi li jinħarġu b'mod responsabbli u in buona fede, salv provi sodi kuntrarji. B'hekk dak li jkun dikjarat f'Mandat t'Arrest Ewropew maħruġ minn Prosekutur Pubbliku fi ħdan Stat Membru tal-Unjoni Ewropea

[37] Enfasi ta' din il-Qorti.
[38] Vol. 48, No. 4 (Oct. 1999), pp. 958-965 (8 pages).
[39] **Il-Pulizija vs. Tencho Gospodinov TENEV** *supra*

għandu jittieħed bis-serjeta dovuta, u preżunt li jkun maħruġ in buona fede f'dan l-ispirtu ta' koperazzjoni ġudizzjarja b'saħħitha bażata fuq fiduċja u rispett reċiproku. ……

78. ……Din il-Qorti trid tistrieħ fuq dak miktub mill-Prosekutur Pubbliku Bulgaru fil-Mandat tal-Arrest Ewropew li kif spjegat iżjed il-fuq skont l-Ordni jassumi l-valur ta' prova, nonche fid-dokumenti eżebiti fl-atti li siltiet minnhom ġew tradotti. .....

Fid-dawl ta' dan it-tagħlim ġurisprudenzjali l-Qorti, mingħajr ma tidhol fi preponderanza jew forza probatorja tal-fatti kif deskritti fil-MAE, hekk kif supplimentat mid-dokument preżentat mill-awtoritajiet Taljani **Ordinanza di Applicazione Della Misura Cautelare Personale Del Carcere** *("Enforcement Order of a Personal Precautionary Measure")*[40], sabet kif dan id-dokument joffri spjegazzjoni ferm aktar dettaljata u ċara tal-**fatti** (b'distinzjoni minn provi) li abbażi tagħhom inħareġ il-MAE fil-konfront tal-estradant.

Kien propju mill-qari ta' dan id-dokument, u senjatament mill-qari tal-interċettazzjonijiet inklużi dawk bejn l-estradant u Roasario AMICO, li l-Qorti setgħet tifforma stampa aktar ċara ta' dak li in breve jinsab deskritt fil-paragrafu (e) tal-MAE. Hawnhekk din il-Qorti kellha teżerċita kawtela kbira biex ma tkunx hi li tużurpa l-funzjoni tal-Qorti barranija li lilha biss hu fdat tiddeċiedi dwar il-mertu u dan skond il-preponderanza ta' provi, u dwar l-ammissibilita' o meno tagħhom.

Jirrizulta bla ebda lok għall-ekwivoċi li dawn il-fatti kif deskritti fil-MAE huma sorretti minn riżultanzi ta' investigazzjonijiet, interċettazzjonijiet u insegwimenti kondotti mill-awtoritajiet Taljani li jinsabu f'aktar dettal f' **Dok.AG1.**[41] F'dan id-dokument hemm konversazzjonijiet mhux biss li jindikaw l-involviment u sa fejn kien iwassal dak l-involviment tal-estradant iżda saħansitra konversazzjonijiet diretti bejnu u mal-allegat kap ta' din l-organizzazzjoni, AMICO Rosario. Iktar minn dan, ma dawn l-interċettazzjonijiet jeżistu ritratti[42] li jikkoroboraw u jagħtu aktar sfond għall-konversazzjoni li ssir meta flimkien ma AMICO, Spiteri jżur azjenda li tipproduċi kontenituri li jkunu ser jibdew jużaw għat-trasport tad-droga ġewwa Malta.

Kuntrarjament għal dak li qed issostni l-abbli difiża fin-nota tagħha meta tisħaq li l-awtoritajiet Taljani naqsu milli jagħtu d-dettalji neċessarji *"sabiex issir l-evalwazzjoni meħtiega"*, il-Qorti tqis li l-MAE, kif redatt mill-awtoritajiet ġudizzjarji Taljani, jagħti suċċint ta' **"il-fatti"** biex b'hekk jikseb pjena konformita' mal-vot tal-qafas regolatorju tagħna. Hu meħtieġ li għal darb' oħra

[40] Dok.AG1 a fol.149 et seq
[41] Fol.149 et seq
[42] Dok.MG9 a fol.34

jiġi sottolinejat dak li llum hu ġurisprudenza assodata u ċioe li l-liġi teżiġi biss li l-MAE jindika biss **il-fatti** u mhux il-provi, b'hekk biss ukoll ikun qed jiġi separat *'the wheat from the chaff'*, fejn fil-kaz ta' proċeduri fuq MAE, *ic-chaff* ikunu dawk il-provi li jispettaw lill-qorti barranija tevalwahom. Isegwi li l-argumenti abbilment mressqa mid-difiża fis-sottomissjonijiet bil-miktub minn tagħha huma argumenti li jispettaw lill-Qorti li ser tiddeċiedi fuq il-mertu biex tikkunsidrahom.

Kif mtenni mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni ċitata *supra* **Il-Pulizija vs Omissis**:

> 69. Din il-Qorti għalhekk, **mingħajr ma tista' tidħol fl-analiżi dwar il-veraċita tal-informazzjoni kontenuta fl-atti tal-MAE, iżda fuq is-saħħa tal-atti tal-MAE mibgħuta lilha fl-ispirtu ta' koperazzjoni u l-fiduċja reċiproka li hija trid tagħti lill-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani**, trid ukoll tqis l-imġieba imsemmija fl-atti tal-MAE u tara jekk dik l-allegata imġieba tissodisfax ir-rekwiżiti tar-regolament 59(4) tal-Ordni. ......
>
> 71. L-imġieba kif riflessa fil-MAE hija frott ta' metodi ta' investigazzjonijiet varji kondotti mill-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani. ....
>
> 72. **Jekk din il-verżjoni tal-fatti hix veritjiera jew le, huwa eżerċizzju li trid tagħmlu l-Qorti kompetenti fir-Repubblika Taljana.** Trattandosi tal-proċedura speċjali tal-eżekuzzjoni ta' MAE **il-Qorti Maltija ma tagħmilx l-istess eżerċizzju bħal dak li solitament tagħmel fi proċeduri ta' estradizzjoni tradizzjonali, inkluż bl-analiżi tal-provi** li jiġu mibgħuta mill-pajjiż rikjedent skont ir-regoli proċedurali. Aktar u aktar meta f'dan il-każ, ir-reat li qed jiġi addebitat lill-estradant huwa wieħed skedat, u allura s-sitwazzjoni ssir aktar partikolari. Il-Qorti Maltija għalhekk trid tanalizza l-imġieba msemmija fl-atti tal-MAE mhux biex tagħmel xi apprezzament tal-prova iżda sempliċiment biex tara jekk, fl-ispirtu wiesa li jridu jiġu interpretati r-regoli tal-MAE, fi kliem Lord Hope "broad and generous construction so far as the texts permits it in order to facilitate extradition" tikkostitwix reat t'estradizzjoni. ........[emfasi ta' din il-Qorti]

Bil-kompitu tagħha cirkoskritt b'dan it-tagħlim, filwaqt li qed tiċħad l-ewwel eċċezzjoni kif formolata fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat, il-Qorti issa trid tiddetermina l-kwistjoni kontemplata bir-regolament 12 tal-Ordni u cioe dwar jekk ir-reati li għalihom qed tintalab it-treggija tal-estradant, humiex reati t'estradizzjoni.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Ir-regolament 59(3) jipprovdi:

> (3) L-imġieba tkun ukoll tikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni dwar il-pajjiż skedat jekk ikunu ġew sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:
>
> (a) l-imġieba tiġri fil-pajjiż skedat;

(b) l-imġieba kienet tikkostitwixxi reat taħt il-liġi ta'Malta li kieku din tkun ġrat f'Malta;

(ċ) l-imġieba tkun punibbli taħt il-liġi tal-pajjiż skedat bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni għal żmien tnax-il xahar jew b'piena akbar (tiġi kif tiġi deskritta f'dik il-liġi).

*(a) L-imġieba tkun grat fl-Italja.*

Mill-MAE jiġi indikat li Spiteri kien jifforma parti minn organizzazzjoni li kienet timporta drogi mill-Albanija lejn Sqallija biex sussegwentement jiddaħħlu fis-suq Taljan kif ukoll dak Malti. Jingħad li Spiteri kien jixtri marijuana fejn jiġi deskritt bħala *"permanent purchaser of marijuana"*[43] (*"stabile acquirente di marijuana"*).[44]

Mid-*Description of Circumstances* jirrizulta li d-droga kienet tiġi mwassla lil Spiteri w oħrajn ġewwa Malta. Fil-fatt kien inqala dizgwid dwar kunsinna ta' 84 kilogrammi marijuana li ġiet mibgħuta lill-estradant iżda li kienet interċettata w b'hekk ma kienx sar il-ħlas għaliha. Spiteri kien ġie identifikat fi Sqallija nhar it-2 ta' Settembru, 2018 fejn ltaqa ma Rosario AMICO li minn investigazzjonijiet w interċettazzjonijiet tal-investigaturi Taljani irriżulta li ġie diskuss kif setgħet tinħeba d-droga biex tiġi mibgħuta lejn Malta.[45] Persuni oħra ġew interċettati jiddiskutu l-involviment tal-estradant fi ħdan l-organizzazzjoni kif ukoll kif kellhom jiġu negozjati prezzijiet mal-estradant. Għalhekk tenut kont li l-ewwel reat li għalih qed tintalab it-treġġija hu allegat li sar bejn Mejju, 2018 u April, 2019, kuntrarjament għal dak li jsostni l-estradant anke fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-reat ma twettaqx interament f'Malta.

Investigazzjonijiet żvelaw li *"Spiteri commissioned a shipment of marijuana from Malta while keeping in contact with AMICO Rosario"*.[46] Nhar id-29 ta' Ġunju, 2018 żewġ membri minn din l-organizzazzjoni, ARMENIA Lucia u CATANIA Fabian akkumpanjaw il-kunsinna fuq il-katamaran lejn Malta wara li d-droga ġiet moħbija f'għamara wara li twasslet Pozzallo minn tlett Albaniżi diretti minn AMICO. CATANIA kien inkarigat iwassal d-droga li kienet tammonta għal 84 kilogrammi marijuana iżda din ġiet interċettata mill-pulizija Maltija. CATANIA indika għal min kienet destinata d-droga ċertu HEGEDUS. Kien fit-2 ta' Settembru 2018 li l-estradant mar Sqallija biex jiltaqa' ma AMICO fejn wissieh li għandhom jeħilsu minn CATANIA wara li matul l-arrest tiegħu f' Malta żvela informazzjoni mal-pulizija. Stqarr ukoll li ħallas mal-10,000 Euro

[43] Fol.23
[44] Fol.15
[45] Fol.24
[46] Fol.25

bħala parti mill-garanzija għall-ħelsien mill-arrest tiegħu.[47] Hu f'din id-data li jirrizulta li l-estradant ġie interċettat ma AMICO, viċin azjenda li tipproduċi *silos* għat-trasport ta' likwidi, fejn ġie diskuss kif għal futur setgħu jużaw tali kontenituri sabiex fihom tinħeba d-droga.[48] Ġew esibiti ritratti li rreġistraw dan l-inkontru.[49] Dik l-imġieba kif deskritta tinvolvi lill-estradant mhux sempliċiment fl-esportazzjoni tal-marijuana mill-Italja u l-importazzjoni tagħha f'Malta imma fl-organizzazzjoni ma diversi persuni biex din l-operazzjoni titmexxa l-quddiem u tirnexxi.

Taħt dan is-subinċiż ma hemmx ħtieġa li l-imġieba intjiera tkun seħħet fil-pajjiż rikjedenti iżda anke jekk parzjalment seħħet fl-Italja hu biżżejjed biex l-ewwel kweżit tal-artikolu 59(3) ġie sodisfatt.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti m'hemmx dubbju li l-imġieba li dwarha qed tintalab l-estradizzjoni seħħet ukoll fl-Italja.

Għalhekk l-ewwel kweżit hu sodisfatt in kwantu għar-reat ta' parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali kif ukoll għat-trattattivi w negozjati biex *inter alia*, id-droga tiddaħħal f'Malta, b'din l-imġieba aħħarija tkun dik kontemplata fit-tieni reat li dwaru qed tintalab it-treġġija tal-estradant, it-traffikar ta' droga marijuana.

*(b) L-imġieba kienet tikkostitwixxi reat taħt il-liġi ta'Malta li kieku din tkun ġrat f'Malta;*

(i) Parteċipazzjoni f'Organizzazzjoni Kriminali

L-artikolu 83A tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla s-segwenti reat/i:

> **83A.** (1) Kull min –
>
> (*a*) jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja għaqda bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali soġġetti għal-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar; jew
>
> (*b*) waqt li jkun jaf jew ikollu kawża raġonevoli li jissuspetta dwar l-għan jew l-attività b'mod ġenerali tal-għaqda stabbilita għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu (a), jipparteċipa b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-għaqda, inklużi iżda mhux limitati għall-għoti ta' informazzjoni jew ta' mezzi materjali jew ir-reklutaġġ ta' membri ġodda, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn erbgħa sa disa' snin.

---

[47] Ibid.
[48] Fol.24
[49] **Dok.MG9** a fol.34

(2) Kull min ikun jappartjeni għal għaqda msemmija fis-subartikolu (1) jeħel għal dak il-fatt biss il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sentejn sa seba' snin.

(3) Meta l-għadd ta' persuni fl-għaqda jkun ta' għaxra jew iktar il-piena fis-subartikoli ta' qabel għandha tiżdied minn grad wieħed sa tnejn.

…….

(5) L-azzjoni kriminali għal reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tista' ssir f'Malta minkejja li l-għaqda ta' persuni jkollha bażi jew tkun tmexxi l-attivitajiet kriminali tagħha barra minn Malta.

Imbagħad taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, insibu s-segwenti dispożizzjonijiet:

22. (1) Kull min –

(d) f'Malta jgħin, iħajjar, jagħti parir jew ifittex biex jiġi magħmul f'post barra minn Malta reat li għalih hemm piena skont id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi korrispondenti li tkun isseħħ f'dak il-post, jew jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex jagħmel tali reat, jew jagħmel xi ħaġa biex iħejji jew jiffaċilita xi att li, li kieku jsir f'Malta ikun reat kontra din l-Ordinanza; jew

(e) tkun ċittadin ta' Malta jew resident permanenti f'Malta, li f'xi post barra minn Malta jagħmel xi ħaġa li jekk issir f'Malta tikkostitwixxi reat ta' bejgħ jew traffikar ta' mediċina kontra din l-Ordinanza jew reat taħt il-paragrafu (f); jew

(f) jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni, ikun ħati ta' reat kontra din l-Ordinanza

(1A) L-assoċjazzjoni ta' persuni msemmija fil-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu preċedenti teżisti malli jiġu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu.

Għaldaqstant m'hemmx dubbju li persuna li tkun tappartjeni għal għaqda bi ħsieb li din l-għaqda twettaq traffikar ta' droga, kif allegat dwar l-estradant fil-MAE, hi imġieba li tammonta għal reat taħt il-liġi Maltija.

(ii) Traffikar ta' *marijuana*

Din is-sustanza hi regolata mit-Taqsima III tal-Ordinanza fejn insibu:

**7.** Ħadd ma jista' **jimporta jew iġib f'Malta, jew jesporta minnha,** raża meħuda mill-pjanta C*annabis*.

**8.** Ikun ħati ta' reat kontra din l-Ordinanza kull min –

(*a*) ikollu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transit minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), ir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża; jew

(*b*) jipproduċi, ibigħ jew xort'oħra jittraffika fir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża; jew

(*ċ*) jikkoltiva l-pjanta *Cannabis*; jew

(*d*) ikollu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transit minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) il-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha); jew

(*e*) ibigħ jew xort'oħra jittraffika fil-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha). ……

(1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bilvarjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati **l-importazzjoni** f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, **l-esportazzjoni**, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u **l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri** ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza:

Konsegwentement anke din l-imġieba kif deskritta fil-MAE tikkostitwixxi reat estradibbli hawn Malta.

*ċ) l-imġieba tkun punibbli taħt il-liġi tal-pajjiż skedat bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni għal żmien tnax-il xahar jew b'piena akbar (tiġi kif tiġi deskritta f'dik il-liġi).*

Taħt il-Liġi Taljana ir-reat ta' *"partecipation in a criminal organization for purposes in trafficking in drugs...."* iġorr piena ta' massimu ta' <u>erba' u għoxrin sena priġunerija</u> filwaqt li dak ta' *"trade in, and transport pof, marijuana-type drugs"* jikkontempla piena ta priġunerija massima ta' <u>tlettax il-sena w erba' xhur</u>.

Ikkunsidrat li dawn it-tlett rekwiżit kontemplati bir-regolament 59(3) tal-Ordni huma lkoll soddifatti, ai termini tar-regolament 12(4) tal-Ordni l-Qorti tqis liż-żewġ reati huma reati estradibbli ai termini tal-imsemmi regolament 59(3) tal-Ordni.

<u>*Bars to Extradition*</u>

Fis-seduta tal-5 t'Awissu, 2022, id-difiża b'lealtà' dikjarat li ma jeżistu ebda *bars to extradition* ai termini tar-regolament 13 tal-Ordni.

Dan ifisser li l-Qorti ma jifdalha ebda ostakolu biex tgħaddi biex tilqa t-talba għat-treġġigħ tal-estradant lejn l-Italja għar-reati msemmija fil-MAE.

*Rule of Speciality*

Ovvjament tali ordni għandha isir bil-kundizzjoni li l-estradizzjoni tal-estradat lejn l-Italja tkun soġġetta dejjem għal *"law of speciality"* ossija in konnessjoni mar-reati addebitati lilu fil-Mandat t'Arrest Ewropew li abbażi tagħhom saru dawn il-proċeduri, u kif imsemmi fir-regolament 18 tal-Ordni.

L-ordni jipprevedi li hu **l-estradat** li għandu jitlob li t-treġġija tiegħu tkun soġġetta għal din ir-regola iżda minkejja li estradat ma jitlobhiex, il-Qrati tagħna dejjem ippronunzjaw irwieħhom fuq din ir-regola *ex offcio* u dan a benefiċċju tal-estradat.

Dwar ir-regola ta speċjalita` w għall-kompletezza ssir riferenza għas-sentenza tal-Qorti Rimandanti kif diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Spiteri**:[50]

> Ir-regola dwar l-ispecjalita hija regolata bir-regolament 18 tal-Ordni. Dan ir-regolament jittrasponi l-Artikolu 27 u 28 tal-Arrangament. Fil-fatt minn qari tal-Arrangament jirrizulta li l-pożizzjoni maqbula bejn l-Istati Membri hija dik li sakemm ma jkunx hemm dikjarazzjonijiet xort'oħra mill-Istati infushom li jidderogaw mir-regola tal-ispecjalita, din ir-regola tapplika. Fil-fatt fit-termini tan-notifika maghmula minn Malta lill-Unjoni Ewropja[51]8 jirrizulta li Malta ma ghamlitx notifika li permezz tagħha idderogat minn tali regola tal-ispecjalita. Dan ifisser ghalhekk li din ir-regola tapplika fil-konfront ta' dan l-arrangament fir-rigward tal-istati membri tal-Unjoni Ewropeja skont l-istess Arrangament. Dan ifisser li r-regola tal-ispecjalita tapplika għal Malta u tigi applikata minn Malta b'mod allura li l-arrangament tal-ispecjalita ezistenti bejn Malta u l-Italja huwa fil-fatt l-Arrangament innifsu.[52]

---

[50] Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2013; Numru. 913/2013

[51] http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/04/st12/st12438.en04.pdf

[52] Hu l-Arranġament innifsu, u cioe` id-***Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju, 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn Stati Membri magħmul f 'Lussemburgu fit-13 ta' Ġunju, 2002***, fl-artikolu 27 li jipprovdi għall-arranġament ta' speċjalita` bejn l-Stati Membri, f'dan il-każ Malta u l-Italja. Dan l-artikolu ġie tramandat fl-Ordni preċiżament bir-regolament 18. Tant dan l-artikolu jifforma l-bażi legali għall-arranġament dwar speċjalita` li fin-notifiki li Malta għamlet kif stipulat mid-Deċiżjoni Kwadru lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, ġie dikjarat li Malta ma kienitx qed tagħti l-kunsens tagħha, *a priori,* għall-prosekuzzjoni jew infurzar ta' sentenza dwar reati mwettqa qabel it-treggija tal-persuna li tkun ġiet estradita lejn dak il-pajjiż.

Fil-**Handbook on how to issue and execute a European arrest warrant,** (2017/C 335/01) maħruġ mill-Kummissjoni Ewropeja u ppublikat fl-Official Journal of the European Union hemm provdut:

Fin-*Notifications* magħmula ai termini tal-*Council Framework Decision of 13 June 2002 on the European arrest warrant and the surrender procedures between Member States, Council of the European Union, Brussels, 16 September 2004: 12438/04; COPEN 106, EJN 58, EUROJUST 75***,** insibu:

> Malta does not intend to make any notifications with regard to Article 27(1) (Possible prosecution for other offences) and Article 28(1) (Surrender or subsequent extradition) of the Council Framework Decision of 13 June 2002 on the European Arrest Warrant and the Surrender Procedures between Member States (2002/584/JHA).

Iktar minn hekk, fl-informazzjoni ulterjuri mibgħuta lil *Council of the European Union*, jerga jiġi dikjarat kemm Malta tgħożż il-prinċipji sanċiti bir-*rule of speciality* meta **Malta ma tiddispensax mill-ħtieġa li jintalab il-kunsens** tal-awtoritajiet ġudizzjarji Maltin f'każ fejn pajjiż li lilu jkun ġie mreġġa estradat jiġi proċessat penalment għal reati oħra jew jerga jestradieh lejn pajjiż ieħor:[53]

> **Prosecution for other offences / Subsequent Surrender or extradition**
>
> Malta does not intend to make notifications under Articles 27.1 and 28.1 of the Framework Decision.

Finalment ma jridx jintesa li din ir-regola minbarra li tinsab minquxa fl-Arranġament applikabbli għal Malta u Stati Membri tal-Unjoni Ewropeja kif mfisser bl-artikolu 2 tal-Ordni,[54] tinsab **sanċita fl-artikoli 25 u 26 tal-*Legge* 22**

---

> 2.6. **Rule of speciality — possible prosecution for other offences**
>
> In general, a person surrendered may not be prosecuted, sentenced or otherwise deprived of his or her liberty for an offence committed prior to the surrender other than that for which the person was surrendered. **This is the rule of speciality, set out in Article 27 of the Framework Decision on EAW**.
>
> The rule of speciality is subject to a number of exceptions. The Framework Decision on EAW gives a possibility to Member States to notify that, in their relations with other Member States that have given the same notification, they renounce the rule of speciality, unless in a particular case the executing judicial authority states otherwise in its decision on surrender (see Article 27(1) of the Framework Decision on EAW). According to the information available to the Commission only Estonia, Austria and Romania have sent such notifications

Ma jirriżultax mqar remotament li l-estradant sab ruħu Malta wara li ġie estradit lejn Malta in forza ta' mandat t'arrest Ewropew maħruġ minn xi awtorità` ġudizzjarja Maltija. Lanqas ma jirrizulta li sussegwentement għall-estradizzjoni tiegħu lejn Malta, issa qed jiffaċċja xi talba għall-estradizzjoni lejn xi pajjiż ieħor!

[53] Council of the European Union, Brussels, 8 May 2008. 9143/08: COPEN 89, EJN37, EUROJUST 44

[54] "l-Arranġament" tfisser id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju, 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn Stati Membri magħmul f'Lussemburgu fit-

*aprile 2005, n. 69* li ttramandat id-Deċiżjoni Kwadru fid-dritt ġuridiku Taljan; dispożizzjonijiet li jorbtu l-awtorità ġudizzjarja Taljana sabiex tosserva dak stipulat fid-Deċiżjoni Kwadru u fil-liġi domestika Taljana.[55]

---

13 ta' Ġunju, 2002, adottat konformement mat-Titolu VI tat-Trattat, li għandu l-pattijiet tiegħu stipulati fl-arranġament relattiv u pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern li ġġib id-data ta' l-1 ta' Ġunju, 2004, kif emendat bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta Frar, 2009;

[55]ART.25. *(Divieto di consegna o di estradizione successiva).*
1. La consegna della persona è subordinata alla condizione che la stessa non venga consegnata ad altro Stato membro in esecuzione di un mandato d'arresto europeo emesso per un reato anteriore alla consegna medesima senza l'assenso della corte di appello che ha disposto l'esecuzione del mandato d'arresto né estradata verso uno Stato terzo senza l'assenso all'estradizione successiva accordato a norma delle convenzioni internazionali in vigore per lo Stato e dell'articolo 711 del codice di procedura penale.
2. Ove richiesta dall'autorità giudiziaria competente dello Stato membro di emissione, la corte di appello accorda il proprio assenso alla consegna della persona ad altro Stato membro quando il reato per cui l'assenso è richiesto dà luogo a consegna a norma della presente legge. Sulla richiesta di assenso, completa degli elementi di cui all'articolo 6, la corte di appello decide, sentito il procuratore generale, entro trenta giorni dal ricevimento.
3. La condizione di cui al comma 1 relativa alla consegna ad un altro Stato membro non è applicabile:
*a)* quando la persona, pur avendo avuto la possibilità di farlo, non ha lasciato il territorio dello Stato al quale è stata consegnata entro quarantacinque giorni successivi alla sua scarcerazione definitiva ovvero, dopo averlo lasciato, vi ha fatto ritorno;
*b)* quando la persona ha consentito, con dichiarazione resa davanti all'autorità giudiziaria competente dello Stato membro di emissione, e raccolta a verbale, alla consegna ad altro Stato membro;
*c)* quando la persona richiesta in consegna non beneficia del principio di specialità ai sensi dell'articolo 26, comma 2, lettere *a)*, *e)* ed *f)*, e comma 3.

ART.26. *(Principio di specialità).*
1. La consegna è sempre subordinata alla condizione che, per un fatto anteriore alla stessa e diverso da quello per il quale è stata concessa, la persona non venga sottoposta a un procedimento penale, né privata della libertà personale in esecuzione di una pena o di una misura di sicurezza, né altrimenti assoggettata ad altra misura privativa della libertà personale.
2. La disposizione di cui al comma 1 non si applica quando:
*a)* il soggetto consegnato, avendone avuta la possibilità, non ha lasciato il territorio dello Stato al quale è stato consegnato decorsi quarantacinque giorni dalla sua definitiva liberazione ovvero, avendolo lasciato, vi ha fatto volontariamente ritorno;
*b)* il reato non è punibile con una pena o con una misura di sicurezza privative della libertà personale;
*c)* il procedimento penale non consente l'applicazione di una misura restrittiva della libertà personale;
*d)* la persona è soggetta a una pena o a una misura che non implica la privazione della libertà, ivi inclusa una misura pecuniaria, anche se può limitare la sua libertà personale;
*e)* il ricercato ha acconsentito alla propria consegna, oltre a rinunciare al principio di specialità con le forme di cui all'articolo 14;
*f)* dopo essere stata consegnata, la persona ha espressamente rinunciato a beneficiare del principio di specialità rispetto a particolari reati anteriori alla sua consegna. Tale rinuncia è raccolta a verbale dall'autorità giudiziaria dello Stato membro di emissione, con forme equivalenti a quelle indicate all'articolo 14.
3. Successivamente alla consegna, ove lo Stato membro di emissione richieda di sottoporre la persona a un procedimento penale ovvero di assoggettare la stessa a un provvedimento coercitivo della libertà, provvede la corte di appello che ha dato esecuzione al mandato d'arresto. A tale fine, la corte verifica che la richiesta dello Stato estero contenga le informazioni indicate dall'articolo 8, paragrafo 1, della decisione quadro munite di traduzione e decide entro trenta giorni dalla ricezione della richiesta. L'assenso è rilasciato quando il reato per il quale è richiesto consente la consegna di una persona ai sensi della decisione quadro. La corte rifiuta l'assenso quando ricorre uno dei casi di cui all'articolo 18.

Deċiżjoni

Għaldaqstant ai termini tar-regolament 24 tal-Ordni -

**Tordna li l-estradat għandu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġigħ lura tiegħu lejn l-Italja, il-pajjiż skedat fejn inħareġ il-mandat**.

Il-Qorti qegħda, ai termini tar-regolament 25 tal-Ordni moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta Malta, tinforma lill-estradat li:

(a) Mhuwiex ser jiġi mreġġa' lura lejn l-Italja qabel ma jgħaddu sebat ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja;

(b) Għandu dritt li jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn din l-ordni;

(c) jekk jidhirlu li xi wieħed mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta Malta, ġie miksur jew li xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun sejra tiġi miksura dwar il-persuna tiegħu hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, huwa għandu jedd jitlob rimedju skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-każ.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Maġistrat**